**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Nicholas Vella]**

**vs**

**Wadea Al Maghbri**
**-omissis-**

**Kumpilazzjoni Numru: 478/16**

**Illum, 15 ta' Dicembru, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Wadea Al Maghbri detentur tal-karta tal-identita` numru 144366A.

Akkuzat talli:

> Bejn is-27 ta Gunju 2016 u s-6 ta Settembru 2016 gewwa dawn il-gzejjer xjentement laqa' ghandu jew xtrara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta;
> Art.334 ta kap 9
>
> Akkuzat talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, malli sar jafu li xi haga li kienet fil-pussess tieghu kienet haga misruqa jew mehuda b'qerq jew akkwistata b'reat, naqas li jgharraf lill-Pulizija b'dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta saru jafu hekk;
> Art.334A Kap.9
>
> Fl-istess data, hin lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Art 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzat ukoll talli saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni EC732YF ta l-ghamla Nissan Navarra minghajr ma kien kopert b'polza ta' sigurta` dwar ir-riskji ghat-terzi persuni;
Art.3(1) ta' Kap.104

Fl-istess data, hin lok u cirkostanzi saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni EC732YF ta l-ghamla Nissan Navarra minghajr ma' kellu licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;
Art.15(1)(a) ta Kap.65

Fl-istess data, hin lok u cirkostanzi saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni EC732YF ta l-ghamla Nissan Navarra fi triq pubblika, minghajr licenzja mahruga mill- Awtorita ta' Trasport ta ' Malta;
Art 13(1) A.L.198/09

Fl-istess data, hin lok u cirkostanzi kiser il-provediment ta` l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta` Malta permezz ta` sentenza datata l-29 ta` April 2015 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel; u

U aktar talli naqas milli jhares xi wahda, u/jew iktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), u cioe` mill-Magistrat **Dr J. Demicoli LLd.** u li permezz tieghu huwa nghata il-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet.

Rat id-dokumenti ;

Semghet il-provi; u

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 334, 334A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 13(1) tal-Avviz Legali 198/09 u l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni mill-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih fi zmien bikri tal-proceduri, u l-konferma ta' tali ammissjoni mill-istess wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, qed issib lill-imputat Wadea Al Maghbri hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal hmistax-il (15) xahar prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin kif ukoll multa ta' elfejn u seba' mitt Ewro (€2,700).

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**